# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.**

**Illum, il-Hamis 14 ta' Gunju, 2001.**

**Kawza Nru. 46.**
**Citazz. Nru. 653/01 JRM**

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**vs**

**Francis u Anna mizzewgin CARUANA**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Overdraft Facility" lill-konvenuti Francis u Anna mizzewgin Caruana;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Francis u Anna mizzewgin Caruana fl-ammont ta' tnax-il elf, erba' mija u zewg liri maltin u zewg centezmi (Lm12,402.02) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" tal-konvenuti Francis u Anna mizzewgin Caruana mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1" sa "A24") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2000 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 25 ta' Jannar, 2001, li qed tigi hawn esebita u markata Dok "B", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenuti Francis u Anna mizzewgin Caruana jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tnax-il elf, erba' mija u zewg liri maltin u zewg centezmi (Lm12,402.02) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" tal-konvenuti Francis u Anna mizzewgin Caruana mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1" sa "A24") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2000 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 25 ta' Jannar, 2001, kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenuti Francis u Anna mizzewgin Caruana jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tnax-il elf, erba' mija u zewg liri maltin u zewg centezmi (Lm12,402.02) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" tal-konvenuti Francis u Anna mizzewgin Caruana mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1" sa "A24") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2000 sad-data ta' l-effettiv pagament, bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 25 ta' Jannar, 2001, kontra l-konvenuti.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**14 ta' Gunju, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**14 ta' Gunju, 2001.**